# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (FIN. SERV.), LL.D.**

**ILLUM 22 ta’ Marzu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**

**vs.**

**Maraya Magro ID0415301(L)**

**IL-QORTI**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Maraya Magro, ta 21 sena bint Domenic Magro u Tracy Magro nee’ Elsworth, mwielda nhar it-18 t’Ottubru 2001 gewwa l-Pieta’, residenti gewwa fond bl-isem “Fitz”, Triq Testaferrata, Ta’ Xbiex, u detentrici tal-karta tal-identita’ Maltija bin-numru 0415301(L)** akkuzata talli:

*Nhar il-hmistax (15) ta' Marzu 2023, u/jew fil-jiem, il-gimghat u x-xhur ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin,*

1) *Kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha b'digriet datat nhar id-29 ta' Jannar 2023 mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Lara Lanfranco LL.D. li permezz tieghu hija nghatat l-helsien mill-arrest u dan bi ksur tal-artiklu **579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**.*

2) *U aktar talli nhar il-hmistax (15) ta' Marzu 2023, u/jew fil-jiem, il-gimghat u x-xhur ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin, ikkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' 'Probation' b'sentenza deciza nhar is-27 ta' Jannar 2023 mill-Magistrat Dr Leonard Caruana LL.D dan bi ksur tal-* ***artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.***

*Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmija Maraya Magro. Kif ukoll tordna li s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) bhala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.*

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-fedina penali tal-imputata (Dok CC1), Current Incident Report (Dok CC 2), Digriet u Kundizzjonijiet ta' Helsien mill-Arrest datat 29 ta' Jannar 2023 mahrug minn din il-Qorti diversament presjeduta (Dok CC 5), sentenza fil-konfront tal-imputata datata 27 ta' Jannar 2023 mahruga minn din il-Qorti diversament presjeduta (Dok CC 6) u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2023, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghhau anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha u tikkonsulta ruhha mill-gdid mal-avukat taghha.

Semghet, waqt is-seduta tal-20 ta' Marzu 2023, is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata ghar-reati addebitati lilha u semghet lill-Prosekuzzjoni tispjega illi f'dan il-kaz jimmerita li jkun hemm piena karcerarja effettiva anke biex l-imputata ssegwi programm kontra l-vizzju li ghandha tad-droga. Il-prosekuzzjoni spjegat ukoll kif nonostante li l-imputata inghatat il-Helsien mill-Arrest taht kundizzjonijiet fosthom li tiffirma l-ghassa hija qatt ma ffirmat u wkoll kif nonostante li bis-sentenza tal-Qorti tas-27 ta' Jannar 2023 fejn fost ohrajn gie impost fuq l-imputata Ordni ta' Trattament a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tgheleb il-vizzju tad-droga hija ma segwietx tali ordni.

Minn naha l-ohra d-difiza sostniet li l-imputata lesta li tirriforma ruhha u taghmel il-programm biex tgheleb il-vizzju tad-droga.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u dawn ghalhekk gew sodisfacentement ippruvati skond il-Ligi.

Illi meta tigi biex tikkunsidra u tikkalibra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata ghall-akkuzi *de quo*, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputata, l-ammissjoni bikrija taghha, l-

fedina penali tal-imputata u s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-27 ta' Jannar 2023. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet dwar il-piena.

Il-Qorti tgharaf illi fis-sentenza taghha tas-27 ta' Jannar 2023 (Dok CC 6) il-Qorti kienet cara mal-imputata fejn imponiet il-piena ta' *probation* u ordni ta' trattament proprju biex tghati cans lill-imputata tirriforma ruhha, madanakollu tinnota li l-imputata ma haditx dan ic-cans. Tinnota wkoll kif nonostante li l-imputata inghatat il-beneficcju tal-Helsien mill-Arrest b'kundizzjonijiet b'Digriet tal-Qorti tad-29 ta' Jannar 2023 (Dok CC 5) hija naqset li taderixxi ruhha ma tali kondizzjonijiet u sahansitra ma attendietx il-Qorti fl-1 ta' Frar 2023.

Ghal dawn il-motivi, u wara l-kunsiderazzjonijiet sudetti, l-Qorti wara li rat Artikoli 579 (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni, ssib lill-imputata **Maraya Magro ID0415301(L)** hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha hames (5) xhur priġunerija.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-garanzija personali imposta fuq il-hatja bid-Digriet tad-29 ta' Jannar 2023 (Dok CC 5) fl-ammont ta' elfejn Euro (€2,000).

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**22 ta' Marzu 2023**